VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,889, 8 ta' Lulju, 2022

Taqsima B

A.L. 200 tal-2022

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2022 li jimplimentaw l-Obbligi għall-Importaturi ta' Landa, Tantalu, Tungstenu, il-minerali tagħhom, u Deheb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jimplimentaw l-Obbligi għall-Importaturi ta' Landa, Tantalu, Tungstenu, il-minerali tagħhom, u Deheb.

(2) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment tal-Kummerċ kif imsemmi fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 595.

"Regolament" tfisser ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli.

(2) Sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort'oħra, il-kliem u l-espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-Artikolu 2 tar-Regolament.

Twaqqif ta' awtorità kompetenti.

3. L-awtorità kompetenti nazzjonali għall-finijiet tal-Artikolu 10 tar-Regolament għandha tkun id-Dipartiment tal-Kummerċ.

Ittra ta' notifika.

4. (1) Importatur magħżul għall-kontroll tal-konformità ex-post jinħareġ Ittra ta' Notifika – Talba għall-Informazzjoni, biex jissottometti rapport ta' verifika lill-awtorità kompetenti fi żmien tletin (30) jum.

(2) Fejn importatur jonqos milli jissottometti r-rapport ta' verifika lill-awtorità kompetenti fi żmien tletin (30) jum mill-Ittra ta' Notifika – Talba għal Informazzjoni, mingħajr raġuni ġustifikata għal tali nuqqas ta' sottomissjoni tar-rapport, huwa għandu jeħel penali amministrattiva ta' ħames mitt euro (€500).

(3) Fejn importatur jonqos milli jissottometti r-rapport ta' verifika lill-awtorità kompetenti fi żmien tletin (30) jum mill-Ittra ta' Notifika – Talba għall-Informazzjoni, jekk jipprovdi raġuni ġustifikata għal dan in-nuqqas fl-istess tletin (30) jum, l-awtorità kompetenti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tagħtih ħmistax-il (15) jum ieħor biex jissottometti r-rapport. Jekk l-importatur jonqos milli jissottometti r-rapport ta' verifika wara l-iskadenza tal-ġimagħtejn l-oħra, huwa għandu jeħel penali amministrattiva ta' ħames mitt euro (€500).

Notifika ta' azzjoni rimedjali.

5. (1) Fejn ir-rapport ta' verifika sottomess mill-importatur skont ir-regolament 4 ikun fih nuqqasijiet identifikati mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti toħroġ Avviż ta' Azzjoni Rimedjali li jippermetti tletin (30) jum għall-importatur biex jipprovdi pjan speċifikat ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' azzjoni ta' rimedju.

(2) Fejn l-importatur jonqos milli jipprovdi l-pjan biż-żmien speċifikat għall-implimentaazzjoni ta' rimedju, fi żmien tletin (30) jum min-notifika tal-Avviż ta' Azzjoni Rimedjali, huwa għandu jeħel penali amministrattiva ta' ħames mitt euro (€500).

(3) Fejn importatur jonqos milli jissottometti pjan biż-żmien speċifikat għall-implimentazzjoni ta' azzjoni rimedjali, fi żmien tletin (30) jum min-notifika tal-Avviż ta' Azzjoni Rimedjali, jekk jipprovdi raġuni ġustifikata għal dan in-nuqqas fl-istess tletin (30) jum, l-awtorità kompetenti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, qabel ma toħroġ il-penali amministrattiva, tippermettilu ħmistax-il (15) jum ieħor wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tletin (30) jum biex jipprovdi l-pjan speċifikat taż-żmien mitlub.

Notifika.

6. In-notifika ta' kwalunkwe ittra jew notifika mibgħuta lill-importatur mill-awtorità kompetenti skont dawn ir-regolamenti għandha titqies li tkun saret fil-jum tal-kunsinna bil-posta rreġistrata fil-post tar-residenza jew tan-negozju tal-importatur jew tal-post tax-xogħol jew l-indirizz postali ta' dik il-persuna.

Reati u multi.

7. (1) Kwalunkwe persuna għandha tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk hija:

(a) tonqos milli tikkonforma mal-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista stabbiliti fir-Regolament ;

(b) tonqos milli tikkonforma mal-obbligu taż-żamma tar-

rekords li juri konformità mal-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista inklużi r-riżultati ta' rapporti ta' partijiet terzi indipendenti stabbiliti fir-Regolament;

(ċ) tostakola intenzjonalment jew tikkaġuna ostruzzjoni ta' kwalunkwe persuna li taġixxi fl-eżerċizzju xieraq tal-funzjonijiet tagħha skont dawn ir-regolamenti u, jew tonqos milli tippermetti spezzjoni skont dawn ir-regolamenti;

(d) tikkonfoffa jew tipprova, jew tgħin, kwalunkwe persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inklużi reklamar, konsulenza jew akkwist sabiex jiksru d-dispożizzjonijiet jew ir-rekwiżiti ta' dan jew ir-Regolament;

(e) mingħajr raġuni valida, tonqos milli tagħti lil kwalunkwe persuna, li taġixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti, kwalunkwe assistenza jew informazzjoni li hija tista' tkun meħtieġa tagħti skont dan u r-Regolament jew kwalunkwe liġi oħra, jew tagħti informazzjoni falza jew qarrieqa;

(f) tibdel, tiffalsifika jew teqred kwalunkwe dokument ippreżentat jew maħruġ mill-awtorità kompetenti taħt dan ir-regolament.

(2) Kull persuna li tinstab ħatja ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha, meta tinstab ħatja, teħel:

(a) multa għal ammont ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn elfejn u tliet mitt euro (€2,300); jew

(b) multa kkalkulata fuq il-qligħ magħmul mill-awtur tar-reat b'rabta mar-reat, jekk ir-reat hekk jeħtieġ:

Iżda meta l-multa tiġi kkalkulata fuq il-qligħ magħmul mill-awtur tar-reat, din ma tistax tkun aktar minn ħames darbiet l-imsemmi qligħ.

(3) Meta persuna tinstab ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, il-Qorti tista' b'żieda ma' kull penali oħra li tista' timponi:

(a) tordna li l-landa, it-tantalu, it-tungstenu, il-minerali tagħhom, jew id-deheb, u kull merkanzija jew affarijiet oħra relatati mar-reat, jintilfu lill-Gvern u, jekk ikun il-każ, jintilfu bil-mod li l-Qorti tiddeċiedi fuq il-parir tad-Direttur;

(b) jikkundanna lill-awtur tar-reat għal priġunerija għal terminu ta' mhux inqas minn tletin (30) jum u li ma jaqbiżx sentejn (2).

(4) F'dak li għandu x'jaqsam ma' proċeduri għal reat impost kontra dawn ir-regolamenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti favur il-Gvern dawk l-ispejjeż li jkunu saru fir-rigward ta' dawn il-proċeduri li tista' tqis li huma xierqa.

Applikabbiltà tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

8. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċeduri fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, b'mod li l-iskwalifika ta' mandat, liċenzja, permess jew awtorità fl-ebda każ ma għandha tkun inqas minn sena (1).

Kap. 9.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċeduri għal reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, u għandhom isiru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregola l-proċedura quddiem il-qrati msemmija bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.